# Ħlasijiet bil-Quddiem



## X'inhu Ħlas bil-Quddiem?

Jekk tirċievi ħlas tas-sigurtá soċjali jew Family Tax Benefit Part A, tista' tkun eliġibbli li tirċievi parti mill-ħlas tiegħek ta' kull ħmistax bil-quddiem bħala somma ta' flus f'daqqa. **M'għandekx għalfejn tgħid lil Centrelink għaliex teħtieġ il-Ħlas bil-Quddiem.** Ħlasijiet bil-quddiem iridu jitħallsu lura u r-regoli biex tirċievi Ħlas bil-Quddiem jiddependu fuq it-tip u r-rata ta' ħlas li inti tirċievi.

Hemm diversi tipi ta' Ħlasijiet bil-Quddiem, l-aktar tnejn komuni huma avvanz:

- tal-ħlas tas-social security tiegħek, **u**
- tal-Family Tax Benefit Part A tiegħek.

**Tipi oħra ta' Ħlasijiet bil-Quddiem**

- Ħlas bil-Quddiem tal-iSpecial Employment—jgħinek biex tħallas għal affarijiet li għandu jkollok meta tibda xogħol ġdid jew jekk tkun bdejt taħdem u jkun għadek ma tħallastx
- Ħlas bil-Quddiem ta' Mobility Allowance **u**
- Ħlas bil-Quddiem ta' Pharmaceutical Allowance.

Għal aktar informazzjoni dwar dawn il-ħlasijiet, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Centrelink.

## Biex tirċievi Ħlas bil-Quddiem tal-ħlas tas-sigurtá soċjali tiegħek trid tkun qed tirċievi wieħed minn dawn il-ħlasijiet.

- ABSTUDY
- Parenting Payment (Mas-Sieħeb/Sieħba)
- Age Pension
- Parenting Payment (Persuna Waħida)
- Austudy Payment
- Widow Allowance
- Carer Payment
- Widow B Pension
- Disability Support Pension
- Wife Pension
- Newstart Allowance
- Youth Allowance.

## Biex tikkwalifika għal Ħlas bil-Quddiem tal-pensjoni tas-sigurtá soċjali tiegħek jew benefiċċju għandek:

- tkun qed tirċievi pensjoni jew benefiċċju għal tal-anqas 3 xhur
- ma jkollokx dejn mal-Commonwealth (dan ma jinkludix Ħlas bil-Quddiem ta' Family Tax Benefit)
- tkun tista' taffordja li tħallas lura l-Ħlas bil-Quddiem u jibqagħlek flus biżżejjed għall-ispejjeż regulari tiegħek ta' kull ħmistax.

Meta tkun qed tikkalkula l-ispejjeż regulari tiegħek ikkunsidra:

- ħlasijiet tal-kera jew tad-dar
- affarijiet tal-ikel
- ħlasijiet ta' self ta' flus
- inxurjans tad-dar/affarijiet fid-dar/karozza
- elettriku/gass
- telefon
- nollijiet
- petrol
- mediċini
- ħarsien tat-tfal
- ħlasijiet tal-iskola
- credit cards
- rates (art, ilma, sistema tad-dranaġġi)
- ħwejjeġ, **u**
- divertiment.

## Biex tikkwalifika għal Ħlas bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit għandek:

- tkun intitolat għal Family Tax Benefit Part A kull ħmistax, b'rata li tkun indaqs jew aktar mid-doppju tar-rata tal-Ħlas bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit
- ma jkollokx dejn mal-Commonwealth (dan ma jinkludix Ħlas bil-Quddien għal sigurtá soċjali).



Australian Government

Centrelink
giving you options

www.centrelink.gov.au

# Kemm tista’ tirċievi Ħlas bil-Quddiem u kemm ta’ spiss?

L-ammont tal-Ħlas bil-Quddiem huwa limitat b’ammonti massimi u minimi li huma determinati skont it-tip u r-rata ta’ ħlas li inti tirċievi minn Centrelink. Ikkuntattja lil Centrelink biex tkun taf kemm tista’ tirċievi.

Ħlas bil-Quddiem huwa somma ta’ flus f’daqqa li titħallas minn intitolament futur tiegħek u li jitħallas lura mill-ħlasijiet tiegħek ta’ kull ħmistax.

In-numru ta’ Ħlasijiet bil-Quddiem li tista’ tirċievi f’perjodu ta’ 12-il xahar jiddependi skont it-tip ta’ ħlas li tirċievi u jekk tkunx irċevejt ħlasijiet bil-quddiem qabel.

| Tip ta’ Ħlas | Kemm tista’ titħallas Ħlas bil-Quddiem ta’ spiss? | X’inhuma l-limiti fuq kemm tista’ tirċievi? |
|---|---|---|
| Family Tax Benefit Part A | Tista’ tirċievi Ħlas bil-Quddiem wieħed biss fil-Perjodu tal-Ħlas bil-Quddiem standard. Hemm żewġ perjodi ta’ ħlas bil-quddiem; mill-1 ta’ Jannar sat-30 ta’ Ġunju u mill-1 ta’ Lulju sal-31 ta’ Diċembru. | L-ammont tal-Ħlas bil-Quddiem huwa bbażat skont nofs il-bażi tar-rata tat-tfal tal-Family Tax Benefit għal tifel/tifla taħt it-18 il sena.<br><br>L-ammont li tirċievi jiddependi fuq in-numru ta’ ġranet li jibqa’ fil-perjodu tal-Ħlas bil-Quddiem. |
| Age Pension<br><br>Disability Support Pension<br><br>Carer Payment<br><br>Widow B Pension<br><br>Wife Pension | L-ammonti jistgħu jittieħdu bħala ħlas wieħed bil-quddiem jew jinqasmu bejn żewġ jew tliet ħlasijiet bil-quddiem fil-perjodu ta’ 13 il-gimgħatejn (sitt xhur). | L-ammont massimu huwa kkalkulat b’kemm jiswew tliet ġimgħat tal-pensjoni bażika massima flimkien ma’ parti mill-ammont tas-Suppliment tal-Pensjoni.<br><br>L-ammont minimu huwa kkalkulat b’kemm tiswa’ ġimgħa ta’ pensjoni bażika massima flimkien ma’ parti tal-ammont tas-Suppliment tal-Pensjoni.<br><br>Dawn l-ammonti jkunu marbuta ma’ zjidiet fil-ħlasijiet tal-pensjoni adulta, biex l-ammonti minimi u massimi ta’ ħlasijiet bil-quddiem ilaħħqu maż-żjidiet fil-ħlasijiet tal-pensjoni kull Marzu u Settembru. |
| ABSTUDY<br><br>Austudy Payment<br><br>Newstart Allowance<br><br>Parenting Payment (Mas-Sieħeb/Sieħba)<br><br>Parenting Payment (Persuna Waħida)<br><br>Widow Allowance<br><br>Youth Allowance | Wieħed f’perjodu ta’ 12-il xahar. | L-ammont massimu huwa $500.<br><br>L-ammont minimu huwa $250. |

## Kif jitħallas lura Ħlas bil-Quddiem?

Il-Ħlas bil-Quddiem jitħallas direttament fl-istess kont tal-ħlas regulari tiegħek ta’ Centrelink.

Tista’ titlob biex il-Ħlas bil-Quddiem tiegħek tas-sigurtá soċjali jinqasam u jitħallas f’żewġ ammonti ta’ ħlasijiet.

Tista’ titlob għall-Ħlas bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit bħala ħlas ta’ darba jew tista’ titlob biex dan jitħallas awtomatikament fil-bidu ta’ kull Perjodu ta’ Ħlas bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit; kull Jannar u Lulju sakemm tibqa’ intitolat/a għall-ħlas.

## Kif il-Ħlas bil-Quddiem jitħallas lura?

L-ammont li jitħallas lilek bħala Ħlas bil-Quddiem irid jitħallas lura. Ammont jitnaqqas mill-ħlasijiet tiegħek ta’ kull ħmistax sakemm l-ammont jitħallas kollu.

Ħlasijiet bil-Quddiem tas-sigurtá soċjali jitħallsu lura fuq 13-il ġimgħatejn u Ħlasijiet bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit jitħallsu lura skont il-perjodu tal-Ħlas bil-Quddiem tal-Family Tax Benefit li fih tkun irċevejt il-ħlas bil-quddiem. Jekk il-ħlas tiegħek jieqaf l-ammont li jkun fadal jitħallas jiġi rkuprat minn għandek bħala dejn.

## Meta Tapplika għal Ħlas bil-Quddiem

Tista’ tapplika online billi tiċċekkja l-websajt ta’ Centrelink **www.centrelink.gov.au** jew billi ċċempel l-linja tat-telefon b’servizz dirett għalik **13 6240**. Tista’ ċċempel ukoll lil Centrelink fuq wieħed min-numri tat-telefon imniżżla hawn taħt jew żur Ċentru tas-Servizz tal-Klijent ta’ Centrelink.

## Għajnuna oħra jekk tkun f’diffikultá finanzjarja jew f’sitwazzjoni ta’ kriżi

Meta tinqala’ sitwazzjoni mhux mistennija ta’ spejjeż jew kriżi, Centrelink tkun tista’ tgħinek biex tikseb għajnuna fil-komunitá permezz ta’ għajnuna ta’ emerġenza, pariri ta’baġit jew provediment ta’ Urgent Payment jew Crisis Payment. Tkellem ma’ Centrelink dwar is-sitwazzjoni tiegħek biex tkun taf x’għajnuna hemm.

## Għal aktar informazzjoni

| | |
|---|---|
| **Servizzi ta’ Xogħol** | **13 2850** |
| **Servizzi taż-Żgħażagħ u Studenti** | **13 2490** |
| **ABSTUDY** | **13 2317** |
| **Ġenituri u Dawk li Jieħdu Ħsieb it-Tfal** | **13 6150** |
| **Diżabbiltajiet, Mard u Dawk li Jieħdu Ħsieb Oħrajn** | **13 2717** |
| **Anzjani** | **13 2300** |
| **Ċentru ta’ Telefonati għall-Indiġeni** (servizz biss fin-NT, QLD tat-Tramuntana u WA) | **13 6380** |
| **Relazzjonijiet tal-Klijent** | **Freecall™ 1800 050 004** |
| **Għal informazzjoni f’lingwi barra l-Ingliż** | **13 1202** |
| **Linja ta’ Servizzi tal-Gvern Awstraljan għall-Informazzjoni dwar Frodi** | **13 1524** |
| **Informazzjoni għal ħlas bit-TTY*** | **Freecall™ 1800 810 586** |

*TTY huwa servizz biss għal dawk neqsin mis-smigħ jew li jkollhom impediment fis-smigħ jew biex jitkellmu. Telefon tat-TTY huwa meħtieg biex jintuża dan is-servizz.

| | |
|---|---|
| **Biex tagħmel appuntament** | **13 1021** |

**Importanti:** telefonati li jibdew b’numri ‘13’ minn servizz ta’ telefon standard jistgħu jsiru minn kull post fl-Awstralja għal mhux aktar mill-prezz ta’ telefonata lokali (ċarġis għal telefonati jistgħu jvarjaw skont il-provditur tas-servizz tat-telefon). Telefonati għal numru li jibdew ‘1800’ huma mingħajr ħlas. Telefonati minn telefon pubbliku jew telefon mobbli jistgħu jkunu ċċarġjati b’rata ogħla.

## Rinunzja ta’ jedd legali

L-informazzjoni f’dan il-fuljett hija eżatta minn Lulju 2010,imma naturalment tista’ tinbidel. Jekk tuża din il-pubblikazzjoni wara dik id-data, jekk jogħġbok iċċekkja ma’ Centrelink li d-dettalji huma aġġornati.